# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1792/97**

**Numru 27**

**Peter Darmanin fil-kwalita tieghu ta' Likwidatur ta' Kimball Limited gia Arche International Limited**

**vs**

**Foster Clarks Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lilll-istess attur nomine s-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) rapprezentanti l-prezz ta' "perspective drawing" lis-socjeta konvenuta mahduma u ikkonsenjata mis-socjeta attrici, flimkien ma' l-imghaxijiet legali ta 8%, dekoribbli mill-10 ta' Marzu 1997 d-data tal-interpellazzjoni sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Marzu 1997. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess avviz (fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (a fol 7 tal-atti) li biha eccepiet illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Art 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-somma mitluba hija ferm esagerata ghax-xogholjiet imwettqa mill-istess socjeta attrici.

Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku xhud prodott f'dawn il-proceduri kien Robert Farrugia li kien direttur tas-socjeta' in likwidazzjoni, Kimball Limited. Hu ikkonferma li l-istess socjeta kienet giet inkarigata minn dik konvenuta sabiex taghmel "perspective drawing" ta' fabrika gdida li

kellha tinbena mill-istess sojceta' konvenuta. Dan l-inkarigu kien gie esegwit matul Lulju 1993 u kien intbaghat l-"invoice" relattiv fit-30 ta' Lulju 1993 (ara fol 2 tal-atti). Pero avolja kienu intbaghtu diversi "statements" il-prezz ghal dan ix-xoghol skond kif pretiz fl-avviz in esami, qatt ma kien thallas (ara fol 14 u 15 tal-atti). In rigward dan, kienu saru ukoll xi telefonati minghajr, pero', ma sar il-hlas relattiv.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-eccezzjoni preliminari in esami tirreferi ghall-artikolu 2148(c) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li tistipula perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn in rigward azzjonjiet li jirreferi, fit-test Ingliz ".... and other persons exercising any other profession or liberal act, further fees and disbursements".

Illi l-azzjoni in esami tirreferi ghall-hlas ta' prezz ta' xoghol ta' disinn msejjah mix-xhud citat "<u>perspective drawing</u>" kif hemm specifikat ukoll fl-avviz in esami, liema xoghol ghandu jigi konsiderat, b'mod evidenti, bhala "exercising .... (a) liberal art" kif hemm imnizzel fl-artikolu hawn fuq citat.

Illi dan ix-xoghol gie esegwit <u>matul Lulju 1993</u>.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li, wara din id-data, il-perjodu ta' preskrizzjoni gie b'xi mod interrott jew sospiz skond il-ligi. Difatti ma jidhirx li gie presentat xi att gudizzjarju sabiex jinterrompi d-dekorrenza tal-preskrizzjoni jew b'xi mod sar xi rikonoxximent jew ammissjoni tad-debitu in esami.

Illi l-uniku att gudizzjarju li sar filfatt kien l-avviz in esami presentat fil-25 ta' Awissu 1997 ossija wara d-dekorrenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif proposta ghandi tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine.

Alan Calleja
Dep.Reg